MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 243/2010

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Annalise Brignone – ID-2086M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ipprezentat fl-4 ta' Frar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas s-somma ta' seba' mija u hmistax-il ewro u zewg centezmi (€715.02c) lis-socjeta' attrici rapprezentanti kontijiet konnessi mal-kuntratt bin-numru 1028117 u dana ghax-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tal-31 ta' Ottubru u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenuta kienet notifikata bl-Avviz in kwistjoni hija baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Anzi jirrizulta illi fis-seduta tal-lum 23 ta' Marzu, 2010, dehret personalment l-istess konvenuta li iddikjarat li l-ammont mitlub f'dina l-kawza fil-fatt kien dovut minnha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' seba' mija u hmistax-il ewro u zewg centezmi (€715.02c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------